GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

# ĊIRKULARI 04/2025

## Fondi għal-Taħriġ ta' Uffiċċjali u Membri Eletti fil-qasam tal-Gvern Lokali

**Lil:** President u Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali
Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali
Ħaddiema Klerikali u Amministrattivi fil-qasam tal-Gvern Lokali

**Mingħand:** Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)

**Data:** 14 ta' Ottubru 2025

Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kisbet finanzjament mill-Fond Soċjali Ewropew (ESF+) ta' 'l fuq minn nofs miljun ewro biex jiġu investiti fit-taħriġ ta' uffiċċjali amministrattivi u klerikali u membri eletti fil-qasam tal-Gvern Lokali.

Permezz ta' din l-inizjattiva, kull min huwa interessat u eliġibbli jista' jibbenefika minn fond individwali sa €4,000 biex jattendu taħriġ, seminars jew konferenzi, f'Malta jew barra minn Malta, relatati mal-ħidma tagħhom.

Il-proċess tal-applikazzjoni huwa wieħed issimplifikat u x-xogħol amministrattiv relatat ser tieħu ħsiebu d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Inħeġġeġ lil kull min huwa interessat li jipparteċipa billi jfittex u jagħżel kors jew attività, jimla applikazzjoni sempliċi u jibgħatha u jħalli l-kumplament f'idejn l-uffiċċjali tad-Diviżjoni inkarigati biex jassistu.

Aktar dettalji u l-formola tal-applikazzjoni jinkisbu billi żżur din il-ħolqa:

https://divizjonitalgvernlokali.gov.mt/en/professional-development-sponsorship-programme/

**IFFIRMATA**

*Kopji:* *Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali*
*Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali*
*Awditur Ġenerali*
*Segretarju Permanenti, MCLG*
*President, ANSEK*